**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 23/17 AGV**

AB

Vs

Direttur tar-Registru Pubbliku, Dr. Leontine Calleja u l-PL Davina Sullivan li permezz ta' digriet datat 23 ta' Jannar, 2018 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-mejjet CD ID 311960M li miet nhar id-9 ta' Dicembru 2015, EF, Dr. Noel Bartolo u l-PL Daniel Aquilina li permezz tad-digriet datat 20 ta'

April, 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri GF.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors** tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Frar, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti ghamlet zmien f'relazzjoni ma' certu EF, li ufficjalment huwa missier il-minuri GF.

2. Illi pero' fl-istess perjodu hija kellha relazzjoni ma' CD, illum mejjet, li mil-liema relazzjoni twieled il-minuri GF.

3. Illi dan il-minuri twieled nhar it-18 ta' Lulju, 2007, liema iben jinsab fil-kura u l-kustodja tal-esponenti u mrobbi esklussivament mill-esponenti.

4. Illi dan l-iben mhuwiex il-wild naturali tal-imsemmi EF, kif inhu indikat fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, izda CD huwa proprju l-missier.

5. Illi l-missier naturali u cioe' CD miet nhar id-9 ta' Dicembru, 2015 u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt immarkat bhala Dok.CG 01.

6. Illi pero' qabel ma miet CD, lahqu saru t-testijiet xjentifici mehtiega u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tad-DNA testing immarkat bhala Dok.CG 02.

7. Illi dan kollu li nghad ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, ighidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri GF mhux il-wild naturali tal-konvenut EF b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f'dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri GF billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha tal-intimat EF u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u/jew tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri GF, l-isem u l-konnotati ta' EF kull fejn jirrikorru u minflok, fejn hemm "missier it-tarbija" jitnizzel isem CD.

Bl-ispejjez kontra l-intimat EF u l-werrieta ta' CD.

**Rat ir-Risposta** Guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Leontine Calleja u PL Davina Sullivan li eccepew illi:-

1.Illi preliminarjament, l-esponenti jirrilevaw illi l-kawza ma tista' titmexxa kontra l-mejjet CD, izda f'kaz ta' persuna mejta din il-kawza ghandha titmexxa kontra l-eredi tal-mejjet.

2.F'dan l-istadju l-esponenti mhuwiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta fi stadju iehor tal-proceduri.

3.Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cioe’ illi trid tkun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qiedgha taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.

4.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta** Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa illi:-

1.Illi preliminarjament, l-esponenti tecepixxi illi mid-dokumenti li bihom giet notifikata jidher li hemm nieqes l-hatra tal-kuraturi deputati ghal mejjet CD u kif ukoll ta’ dawk il-kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri GF. F’kaz li dawn ghadhom ma gewx mahtura, l-attrici ghandha tirregola ruhha mill-iktar fis possibbli u dan ghall-integrita’ tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissottometti li fil-mertu mhijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors promotur.

3. Illi l-esponenti tiddikjara li normalment fi proceduri ta’ din in-natura, hi dejjem tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Madanakollu, mad-dokumenti annessi mir-rikors guramentat gie anness ukoll kopja tar-rapport tat-test illi jidher li l-konvenut CD huwa proprju il-missier naturali tal-minuri GF. Ghaldaqstant, l-esponenti tiddikjara li qed tirrimetti ruhha

rigward il-mertu tal-azzjoni odjerna, salv illi l-istess rapport jigi mahluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar.

4. Illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponenti titlob illi permezz ta' nota jigu pprezentati d-dettalji kollha necessarja tal-mejjet CD u cioe': (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri GF, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post tar-residenza tieghu meta twieled l-imsemmi GF. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-atti tat-twelid tal-minuri GF bin-numru progressiv 2560/2007.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu ukoll jigi deciz b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghaldaqstant hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza.

7.Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qiedgha minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta** ta' Dr. Noel Bartolo u l-PL Daniel Aquilina fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri GF u eccepew is-segwenti:-

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat.

2. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.

3. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

**FATTI**

1. Il-konvenut EF jikkonferma li kellu relazzjoni mal-attrici ghall-perjodu ta' tlett snin u waqt din ir-relazzjoni l-attrici kellha tarbija u rregistraha fuq ismu. Ighid li kellu d-dubbji tieghu fuq l-paternita' tal-minuri u kien ikkonfronta lill-attrici dwar dan, li kkonfermat ukoll illi kellha d-dubbji taghha.

2. Illi kien ghalhekk li l-attrici, il-konvenut EF u missier it-tarbija CD ghamlu t-testijiet tad-DNA u gie kkonfermat li D kien il-missier naturali u biologiku tal-minuri. In vista ta' dan iddecidew li t-tarbija titnehha minn fuq kunjom F, izda l-attrici u D baqghu jipposponu l-ftuh tal-proceduri. Hu jghid li minhabba kundizzjoni medika tieghu, kien difficli ghalih biex jitbieghed mir-rahal tieghu.

3. Il-konvenut EF jispjega ukoll illi sadanittant kellu jibqa' jiffirma l-affarijiet li kienu jikkoncernaw il-minuri. Izda peress li da parti tal-attrici qatt m'ghamlet xejn, kien qalilha li ma kienx ser jiffirma aktar.

4. Illi kienet imbaghad is-social worker tal-attrici li kkonvincitha biex tiftah din il-kawza, izda din infethet snin wara li saru t-testijiet tad-DNA.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Il-kawza odjerna hija msejsa fuq l-**Artikolu 77B et sequitur tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta fejn omm il-minuri fethet kawza fejn qed tiddikjara li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita', kif ukoll li kien hemm l-impossibilita' fizika, li jghammru flimkien hi u r-ragel bejn it-300 u l-180 jum qabel it-twelid tal-minuri.

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-

**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;

(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;

(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;

(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile"* (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma

tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet "**Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

> *"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta' azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

F'din il-kawza, l-attrici fethet kawza sabiex tbiddel ic-certifikat tat-twelid tal-minuri GF. Il-konvenut EF kkonferma li minkejja li kien f'relazzjoni mal-attrici u kienet harget tqila, kellu suspetti, li kkonfermat l-attrici stess li ma kienx missier dina t-tarbija, minkejja li kien deher bhala l-missieru biologiku tal-minuri.

It-testijiet tad-DNA huma konferma ta' dan. Il-missier naturali u biologiku tal-minuri Shyam Mallia accettat li jassoggetta ruhu ghal dawn it-testijiet u gie kkonfermat bhala l-missieru. Minkejja li kien hemm ftehim li tinfetah kawza sabiex jigi korrett ic-certifikat tat-twelid, l-attrici damet hafna ma fethitha.

Ghalhekk, ghalkemm it-testijiet tad-DNA mhumiex l-unika konferma ghall-denegata' paternita', hemm konferma tal-konvenut EF stess li mhuwiex l-missier naturali u biologiku tal-minuri.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi minuri FG mhux il-wild naturali tal-konvenut EF b'mod li ghalhekk ghandu jigi korrett l-att tat-twelid.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna l-korrezzjonijiet kif mehtiega u mitluba fir-rikors.

Bl-ispejjez ghall-attrici.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**